**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 21 – IL-ĠIMGĦA, 4 TA' MEJJU 2012**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata: | Maria Vella | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2 Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1 Iċ-*Chairperson* stqarret li ladarba l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni ta' *Transport Malta* mingħand il-Perit Audrey Testaferrata Denoto, il-Kunsill għandu jipproċedi bix-xogħol tad-*disabled parking bay* fi Triq ix-Xambekk, proprju ħdejn ir-rampa li tagħmel mal-Knisja Santa Marija tal-Anġli f'Baħar iċ-Ċagħaq. Kien hemm qbil li għandhom isiru l-marki tal-parkeġġi fi Triq ix-Xambekk ukoll.

2.2 Is-Sinj. Cuomo infurmat li saritilha talba sabiex jitpoġġa *Bouncing Castle* semi-permanenti ħdejn il-gabbana tal-ġelati. Il-Kumitat ma qabilx li għandu jawtorizza l-permess minħabba li joħloq inkonvenjenza lir-residenti.

2.3 Issemma l-*pumping station* tad-drenaġġ fejn kien allegat li kienu qed jerġgħu jitfgħu fiha. Intqal li din mhux suppost li għada miftuħa u għalhekk se tintalab konferma dwar dan.

2.4 Is-SE kien mistoqsi jekk hemmx permessi għall-gabbani tal-Vodafone. Is-SE wieġeb fl-affermattiv.

2.5 Fuq mistoqsija tas-Sinj. Muscat is-Sinj. Cuomo infurmat li ċemplet lill-Ministeru tat-Trasport u qalulha li fid-dawl tal-ittre li ntbagħtet mill-Kunsill Lokali n-Naxxar sabiex il-karozza Nru 205 ma tibqax iddur ma' ħafna toroq

f'Baħar iċ-Ċagħaq bla bżonn se tittieħed azzjoni fit-28 ta' Mejju 2012 mal-bidliet l-oħra madwar il-Gżejjer Maltin.

**3. IL-PASSAĠĠ BEJN IL-MAGĦTAB U TRIQ QALET MARKU**

3.1 Is-Sinj. Cuomo infurmat li wara komunikazzjoni li kellha mas-Sur Jonathan Vella minn Transport Malta, jidher li għaddeja investigazzjoni dwar il-każ tal-passaġġ bejn il-Magħtab u Triq Qalet marku. S'issa però ma kienx hemm aktar informazzjoni.

**4. RAPPORT FINANZJARJU TAL-ATTIVITAJIET SPORTIVI**

4.1 Għalkemm kien ippreżentat rapport mis-SE kien innutat li dan ikopri biss l-ispejjeż u għalhekk is-SE intalab biex jipprepara rapport komplut bid-dħul u l-infiq dwar dan.

4.2 Is-Sinj. Cuomo infurmat li kellha rapport ukoll min-naħa tas-Sinj. Vella dwar dan is-suġġett li se jkun amalgamat mar-rapport finanzjarju.

**5. IL-FULJETT GĦAL BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

5.1 Is-Sinj. Cuomo talbet lil Viċi Chairperson biex iħejji l-kontenut tal-fuljett ippjanar. Appellat biex possibilment jinstabu xi sponsors ħalli jittaffew l-ispejjeż tiegħu.

5.2 Kien hemm qbil li għandu jsir tentattiv biex il-fuljett ikunu ippublikat lejn l-aħħar ta' Mejju.

5.3 Is-Sur Woods staqsa għaliex għadu ma tħallasx il-kont għall-fuljett li kien ippubblikat bħala rapport ta' ħidma. Kemm iċ-Chairperson kif ukoll is-SE stqarrew li l-Kumitat oriġinalment kien iddiskuta li dan kellu jkun sponsorjat u li ma kien se jiswa xejn. Is-Sur Woods informa li ma kienx possibli li jkun sponsorjat. Il-Kumitat qabel li jkun effettwat il-ħlas mitlub ta' €354.

**6. ATTIVITÀ ARTS IN THE PARK**

6.1 Il-Kumitat qabel li jorganizza attività bl-isem "*Arts in the Park*".

6.2 Fid-dawl ta' din l-attività, s-Sur Woods intalab sabiex fiċ-ċirkulari li se jagħmel għall-aħħar ta' Mejju 2012 jinkludi tħabbira għal dawk in-Naxxarin kollha minn Baħar iċ-Ċagħaq li għandhom talent f'dan il-qasam. It-talenti mfittxija huma varji, fosthom: min huwa kapaci għax-xogħol tal-arti; snajja; fuħħar eċċ. Għax-xoghol ta' fuħħar issemma is-Sur Kevin Morris.

6.3 Għal din l-attività huwa maħsub li jkun hemm:

- Wirja ta' pitturi;
- Il-grupp tal-Peruvjani;
- Nies li jbiegħu l-ikel;
- Wirja tal-fotografija;
- Kantanti
- Animazzjoni għat-tfal.

6.4 Intweriet ix-xewqa sabiex issir laqgħa mas-Sur Graham Woodall filwaqt li għall-animazzjoni tat-tfal issemmew il-grupp ta' *Curtain Raisers*.

6.5 Il-Budget għal din l-attività, sakemm ma jkunx jista' jutilizza l-fondi allokati għall-attivitajiet saħt l-iskema tad-Dipartiment, huwa ta' €1000.

6.6 Il-Kumitat qabel li għandu jagħmel tentattiv biex jorganizza din l-attività għall-aħħar ta' Lulju 2012, proprju fis-27 tal-Lulju 2012 mis-7:00pm 'il quddiem. F'dan ir-rigward ġie propost sabiex issir laqgħa fejn għandu jiġi diskuss il-programm tal-attività ħalli jiġi nkluż fiċ-ċirkulari tal-aħħar ta' Mejju 2012.

**7. ĦWEJJEĠ OĦRA**

7.1 Issemma l-bżonn li ssir tabella sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw dawk kollha li jkollhom il-*blue sticker* fil-parkegg riservat ta' quddiem id-dar bl-isem: "Sea Breeze" fi Triq Xatt il-Palm.

7.2 Is-Sinjura Muscat infurmat lill-kumplament tal-Kumitat b'ħarġa li kienet organizzat għall-Għawdex fid-19 t'April 2012 fejn kienu attendew tnax-il persuna. Żiedet tgħid li beħsibha torganizza attività simili fis-16 ta' Mejju 2012. Il-post ippjanat huwa n-Nadur, Għawdex.

7.3 Is-Sinj. Muscat irrappurtat li l-ħmieġ madwar l-iskips fl-entratura għall-*Caravan Site* kien għadu hemm.

7.4 Is-Sur Woods wera x-xewqa li għanda ssir laqgħa tal-komunità simili għal-laqgħa annwali li jorganizza l-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu sabiex din il-laqgħa ssir għall-ħabta ta' Diċembru 2012 sewwa sew qabel id-diskussjoni tas-sena finanzjarja.

7.5 Is-Sinj. Muscat appellat li għandha tiġi riveduta l-*One Way System* ta' Triq Xatt il-Palm filwaqt li fakkret li ċ-ċint kien għadu mwaqqa'.

7.6 Is-Sur Bonello semma' l-inkonvenjenzi li jiltaqgħu magħhom ir-residenti li joqogħdu fi Triq Anton Manwel Caruana, Baħar iċ-Ċagħaq. Dan għaliex hemm persuna li allegatament għandu żewġt iklieb fuq il-bejt li jinbħu kontinwament. Kien deċiż li ssir laqgħa mal-ispettur Josric Mifsud. Fl-aħħarnett is-Sur Bonello ntalab sabiex jissupplixxi l-indirzz sħiħ tal-persuna li għandu l-klieb lill-Kunsill.

7.7 Is-Sinj. Cuomo infurmat li kien għad hemm ħafna nuqqasijiet li għadhom ma sarux fil-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Dawn jinkludu tabelli li baqgħu ma twaħħlux; ir-*railings* ta' ħdejn il-bandli li baqa' ma sarx; l-għatu tal-cables tal-low voltage. Issemma wkoll il-vandaliżmu, l-klieb li kienu qegħdin jitħallew iħammġu fil-ġnien u n-nies li kienu qegħdin ipejpu fl-istess ġnien li huwa meqjus bħala post li t-tipjip fih huwa projbit. Il-Kumitat qabel li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Perit inkarigata sabiex tieħu azzjoni mill-aktar fis.

7.8 Kienet irrappurtatha l-art abbandunata li hemm maġenb l-i*Star Estate*. Għandha tintbagħat korrispondenza lid-Dipartiment tal-Artijiet f'dan ir-rigward biex nivverifikaw ta' min hi; jekk hux tal-privat jew hix art pubblika.

7.9 Il-Kumitat talab biex tintbagħat korrispondenza lid-dipartiment tal-Artijiet u lill-MEPA bħala rapport dwar gabbana li tpoġġiet ħdejn il-gabbana tal-ġelati u li allegatament hija bla permessi.

## 8. TMIEM IL-LAQGĦA

7.10 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2012 fil-5:30pm.

7.11 Il-laqgħa intemmet fil-19:00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |